**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.**

**Illum 11 t' April 2002**

**Appell Nru 17/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Francis Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Francis Zammit talli (**1**) fil-25 ta' Mejju, 2000 u fix-xhur ta' qabel din id-data, fil-fond numru 346, Mdina Road, Hal-Qormi, zamm *showroom* ghall-biegh ta' karozzi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija; u aktar (**2**) talli fl-istess data u lok naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Ispettur Sylvana Agius u P.S. Joseph Bayliss, ufficjali inkarigati minn servizz pubbliku, meta gie ordnat li jaghlaq l-istess *showroom* sakemm jottempera ruhhu mal-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Jannar, 2002, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Francis Zammit hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u lliberatu skond l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur;

Rat ir-rikors ta' appell tal-imsemmi Francis Zammit, minnu ppresentat fit-30 ta' Jannar, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-8 ta' April, 2002; ikkunsidrat:

Il-fatti brevement huma s-segwenti: l-appellant kellu *showroom* li fiha kien izomm numru ta' karozzi ghall-wiri u eventwali bejgh. Fuq din ix-*showroom* ma kienx hemm licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Faccata ta' din ix-*showroom*, fuq in-naha l-ohra tat-triq, kien hemm post iehor, debitament licenzjat fuq omm l-appellant, li minnu u fih l-appellant kien jikkonkludi n-negozju dwar il-karozzi li l-klienti tieghu kienu jridu jixtru. Fil-25 ta' Mejju, 2000, l-Ispettur Sylvana Agius ghamlet spezzjoni f'din ix-*showroom* ta' l-appellant u fissritlu li huwa kellu jkun kopert bid-debita licenzja tal-

Kummissarju tal-Pulizija. L-appellant baqa' jinsisti li ma kellux bzonn ta' tali licenzja; u meta l-Ispettur ordnatlu biex allura jaghlaq ix-*showroom*, huwa rrifjuta li jobdi dak l-ordni.

L-aggravju principali ta' l-appellant huwa fis-sens li, skond hu, ma kienx hemm bzonn ta' licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ghall-finijiet tal-Artikolu 181(1) tal-Kap. 10 peress li x-*showroom* ma kienitx "hanut ghall-bejgh ta' oggetti jew ta' merkanzija", ghax hu n-negozju kien jikkonkludih mhux fix-*showroom* izda fil-fond licenzjat fuq isem ommu. L-appellant jaghmel referenza ghad-definizzjoni ta' "hanut" moghtija fl-Artikolu 2 tal-imsemmi Kap. 10.

Din il-Qorti, pero`, tara li l-appellant m'ghandux ragun. Ix-*showroom* li huwa kellu kienet tifforma parti essenzjali minn-negozju tieghu ta' "auto dealer" u allura kienet tikkwalifika bhala "hanut ghall-bejgh ta' oggetti", anke jekk effettivament il-bejgh kien jigi konkluz x'imkien iehor u mhux fix-*showroom*. Altrimenti wiehed jasal ghall-assurdita` li jghid li jista' jkollok post fejn tesponi ghall-bejgh l-oggetti (huma x'inhuma), izda jekk dak il-bejgh jigi konkluz mhux gewwa dak il-post, izda f'nofs it-triq jew fuq il-bankina, dak il-post ma hux hanut ghall-fini tal-Artikolu 181(1) tal-Kap. 10. F'dan is-sens ukoll ippronunzjat ruhha din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-sentenza taghha tas-27 ta' April, 2000 fil-kazwa fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Alfred Seguna***. Ghalhekk dana l-aggravju, li huwa wiehed fieragh, qed jigi respint.

It-tieni aggravju isegwi l-ewwel wiehed, fis-sens li l-appellant qed jikkontendi li galadarba ma kienx hemm bzonn ta' licenzja fuq ix-*showroom*, l-ordni ta' l-Ispettur Agius sabiex huwa jaghlaq dik ix-*showroom* ma kienx ordni legittimu. Anke dana l-aggravju huwa wiehed fieragh. Kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, ordni moghti mill-pulizija jew mill-awtorita` jitqies legittimu ghall-finijiet tal-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (ee) ta' l-Artikolu 338 tal-Kap. 9 jekk dak l-ordni jkun *prima facie* legittimu, u cioe` jekk ikun *prima facie* regolari fil-forma u fil-kontenut tieghu (ara ***Il-Pulizija v. Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze*** App. Krim. 25/6/1997).

Ghalhekk l-appell qed jigi respint u s-sentenza ta' l-ewwel qorti qed tigi konfermata, b'dan li t-tlett xhur tal-"conditional discharge" jibdew jiddekorru mill-lum.

U peress li dana l-appell huwa wiehed fieragh fis-sens tal-Artikolu 429(2) tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-appellant ammenda ta' ghoxrin lira (Lm20) pagabbli minnufih jew altrimenti konvertibbli f'erbat (4) ijiem detenzjoni.